StudentBounty.com

# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

## 2014

Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari

Il-Marki: 30 marka

Il-Ħin: 50 minuta

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## L-Ewwel Taqsima (1

### Aqra din l-iskeda u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.

**L-Iskeda tat-Titjiriet ta' TIR MALTA - Ħarifa 2014**

Il-kumpanija tal-ajru TIR MALTA tixtieq tħabbar l-iskeda l-ġdida ta' titjiriet tagħha għall-ħarifa li ġejja. Dawn huma l-postijiet li se jkun hemm titjiriet diretti lejhom kull ġimgħa:

| Id-Destinazzjoni tat-Titjira | L-Għadd ta' Titjiriet | In-Numru tat-Titjira |
|---|---|---|
| Amsterdam, l-Olanda | 4 | BM 101 |
| Brussell, il-Belġju | 7 | BM 102 |
| Istanbul, it-Turkija | 2 | BM 103 |
| Londra, l-Ingilterra | 14 | BM 104 |
| Madrid, Spanja | 2 | BM 105 |
| Milan, l-Italja | 9 | BM 106 |
| Moska, ir-Russja | 2 | BM 107 |
| Ruma, l-Italja | 7 | BM 108 |
| Tripli, il-Libja | 7 | BM 109 |
| Vjenna, l-Awstrija | 4 | BM 110 |



**Il-Biljetti tal-Ajru**

Biljetti tat-titjiriet tal-iskeda tal-ħarifa 2014 li jinxtraw sal-aħħar ta' Lulju **jingħataw skont ta' 25%.**

**Il-Flotta tal-Kumpanija**

Għat-titjiriet tagħha, TIR MALTA tinqeda bi tnax-il ajruplan tal-għamla Ajrubus 320. Kull ajruplan twil 38 metru, għandu ġwinħajh wesgħin 34 metru, itir b'veloċità ta' 850 kilometru fis-siegħa u jġorr 170 passiġġier/a.

**Servizzi u Sigurtà tul it-Titjira**

Tul it-titjira, il-passiġġieri jingħataw ikla żgħira u xarba friska (ilma jew frott magħsur) b'xejn. Fl-ajruplan ma jistax isir tipjip.

Waqt it-tlugħ u l-inżul tal-ajruplan, il-passiġġieri jintalbu jaqflu ċ-ċintorin tas-sigurtà u jitfu kull apparat elettroniku li jkollhom.

Il-passiġġieri jistgħu jtellgħu magħhom fuq l-ajruplan bagalja żgħira ta' mhux aktar minn 10 kilogrammi. Il-bagalji l-oħra jinżammu f'żaqq l-ajruplan.

**Għal Tagħrif Ieħor**

Ċempel 86812330 jew żur is-sit elettroniku tal-kumpanija TIR MALTA www.tirmalta.com.mt .

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

1. Il-kumpanija tal-ajru msemmija fl-iskeda jisimha (TIR MALTA, MALTA TIR, AJRU MALTA).
2. L-iskeda l-ġdida hi (tar-rebbiegħa, tal-ħarifa, tas-sena) li ġejja.
3. Lejn (l-Olanda, ir-Russja, l-Awstrija) il-kumpanija ttir darbtejn fil-ġimgħa.
4. Kull ġimgħa TIR MALTA se ttir l-aktar lejn (Londra, Tripli, Brussell).

**B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Lejn Amsterdam | | għandha flotta ta' tnax-il ajruplan. |
| 2. | L-ajruplani ta' TIR MALTA | | Ajrubus 320. |
| 3. | Il-kumpanija TIR MALTA | **1.** | TIR MALTA ttir erba' darbiet. |
| 4. | Fl-iskeda jidhru | | jtiru bi 850 kilometru fis-siegħa. |
| 5. | L-ajruplani huma tal-għamla | | għaxar destinazzjonijiet. |

**Ċ. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tal-iskeda.** *(3 marki)*

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Il-passiġġieri ta' TIR MALTA jingħataw ikla żgħira u **xarba** friska waqt it-titjira. Ħadd ma jista' ________________ fuq l-ajruplan. Il-biljetti tal-ajru li jinxtraw f'Ġunju jkunu 25% ________________ . Kull passiġġier jista' ________________ miegħu fuq l-ajruplan bagalja mhux itqal minn 10 kilogrammi.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Taqsima (20 m

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Weġgħa ta' qalb



*L-Ewwel Parti*

"Din l-aħħar waħda għal-lum u naħsiblu," qal bejnu u bejn ruħu Karlu, il-purtinar tal-iskola. Ta daqqa t'għajn lill-klassi biex jara li t-twieqi magħluqin u d-dwal mitfija. Kien ħiereġ l-aħħar meta **għajnejh waqgħu** fuq xi ħaġa safra fuq mejda fil-ġenb tal-klassi. "Ara x'għandna hawn," qal bi tbissima fuq wiċċu hekk kif resaq lejn il-mejda. "Oħra mal-kollezzjoni tas-Sur Agius! Din tidher għadha ġdida jaħasra!" ċaqlaq rasu l-purtinar hekk kif ġabar umbrella safra li xi ħadd nesa warajh fil-klassi. **(paragrafu 1)**

Karlu ħaffef il-pass lejn l-uffiċċju tal-kap tal-iskola. Is-Sur Agius kien mitluf u rasu mgħaddsa fil-kompjuter. Waqaf u għolla rasu xħin sema' lil Karlu ġej biċ-ċekċik tal-mazz kbir ta' ċwievet li kellu jitbandlu ma' qaddu.
"Is-sala lesta għal għada, Karl?" staqsa l-kap malli Karlu tfaċċa fil-bieb. "Tinsiex li għandna l-kunċert tat-tfal tas-Sitt Sena."
"Iva, Sur Agius, kollox lest u armat għall-kunċert," aċċertah Karlu. "Sibt din l-umbrella fil-klassi tas-Sur Muscat. Nista' nqegħidha fil-kabord mal-oħrajn?" staqsa l-purtinar fuq ix-xwiek waqt li ħares lejn l-arloġġ il-kbir imdendel fuq ras is-surmast. **(paragrafu 2)**

"Iva, jekk jogħġbok," wieġbu s-Sur Agius filwaqt li qabad il-lapes u beda jħażżeż fuq ktejjeb li kellu quddiemu. "Ser nieħu nota biex għada waqt il-laqgħa ta' filgħodu navża biex min ħallieha warajh jiġi għaliha. Infakkarhom ukoll fl-affarijiet l-oħra li hemm għax il-kabord imtela b'umbrelel, ġkieket u flokkijiet. Anke par żarbun tal-futbol hemm!"
Karlu fetaħ il-bieba tal-kabord, xeħet bl-addoċċ l-umbrella s-safra u ħareġ jgħaġġel **bla kliem u bla sliem**. **(paragrafu 3)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet, skont is-silta.** *(marka kull waħda =*

1. Immarka **(✓)** it-tweġiba t-tajba.

a) Karlu l-purtinar sab l-umbrella s-safra

☐ fil-kabord tas-Sur Agius.
☐ fil-bitħa tal-iskola.
☐ fil-klassi tas-Sur Muscat.

b) Fil-kabord tal-uffiċċju tal-kap tal-iskola kien hemm

☐ iċ-ċwievet tal-klassijiet.
☐ l-oġġetti mitlufa tat-tfal.
☐ arloġġi antiki.

2. Għaliex taħseb li Karlu l-purtinar kien fuq ix-xwiek meta daħal ikellem lis-Sur Agius? **(par.2)**

______________________________________________

3. X'kien se jagħmel il-kap tal-iskola l-għada filgħodu? **(par.3)**

______________________________________________

4. Għal min qed jirreferi **l-pronom mehmuż 'h'** fl-idjoma

... meta **għajnejh waqgħu** fuq xi ħaġa safra... f'**par.1**?

____________________

5. Minn **paragrafu 2** sib u ikteb il-frażi li tfisser li l-kap tal-iskola kien qiegħed attent ħafna fuq xogħlu.

______________________________________________

6. Aqleb **il-verb** ta' din is-sentenza **fin-negattiv**:

Karlu **xeħet** l-umbrella fil-kabord.

Karlu ______________________________ l-umbrella fil-kabord.

7. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess (**sinonima**) bħal

Kap tal-iskola - ______________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

*It-Tieni Parti*



L-umbrella s-safra kellha qalbha sewda. Bkiet xi ftit meta spiċċat waħidha fil-klassi imma issa fid-dlam tal-kabord bdiet tibża' aktar. "Imma kif insietni Sara?" bdiet thewden l-umbrella. "U kemm kienet mgħaġġla u moħħha mtajjar biex ħallietni warajha?"
"Ħelow, kif inti?" ħasadha leħen irqiq ġej mit-tarf tal-kabord.
"Min hawn?" staqsiet imbeżżgħa l-umbrella s-safra. "Int min int?"
"Tibża' xejn. Jien ġakketta tal-isport u ilni hawn xi **xahar**. Milli jidher sidi m'għandux bżonni aktar għax ma ġiex jiġborni," qalet il-ġakketta b'ton imnikket. **(paragrafu 4)**

"X'waħda din! Allaħares tagħmilli hekk Sara," bdiet tgħid l-umbrella s-safra b'leħen miksur.
"Ara, mhux sew jagħmlulna hekk," qal ftit irrabjat iż-żarbun tal-futbol miftuq mill-ġenb. Milli jidher kien ilu mitluq fil-kabord għax kellu kisja trab fuqu. "L-ewwel jużawna u nagħmlu mill-aħjar biex naqduhom tajjeb; imbagħad, xħin jidhrilhom, ma jkunux iridu jafu bina aktar. Hekk mhux sewwa," ipprotesta ż-żarbun waqt li bosta oġġetti oħra qablu miegħu. **(paragrafu 5)**

L-umbrella s-safra ħassitha mdejqa tisma' dan il-kliem. Bejnha u bejn ruħha bdiet titlob biex Sara ma tagħmilx bħal tfal oħra u tabbandunaha fid-dlam ta' dak il-kabord. Safejn taf hi, dejjem qdiet dmirha sew u kull meta Sara fetħitha, dejjem laqqgħetilha l-ilma tax-xita u ffrankatilha tixriba. U mhux darba jew tnejn kellha tiġġieled mal-qawwa tar-riħ li pprova jisraqha minn id Sara. Tgħidx kemm-il darba nbarmet 'l hawn u 'l hemm biex tilqa' x-xita qawwija u Sara ma tixxarrabx. **(paragrafu 6)**

Sara u l-umbrella s-safra kienu saru ħbieb u jmorru l-iskola flimkien. "Ma nagħmlux mod li Sara sabet xi umbrella isbaħ u se titlaqni? Allaħares!" ħasbet l-umbrella filwaqt li rasset għajnejha flimkien biex iżżomm demgħa milli taqbżilha. **(paragrafu 7)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek, skont is-silta.** *(marka kull waħda*

1. Immarka (✓) jekk hux Veru jew Falz:

   L-umbrella s-safra kienet iddispjaċuta li Sara nsietha warajha fil-klassi.

   VERU ☐ FALZ ☐

2. Aqta' linja taħt it-tajba:

   Meta kienet magħluqa fil-kabord, l-umbrella s-safra tkellmet l-ewwel (maż-żarbun tal-futbol, mal-ġakketta tal-isport, mal-kabord).

3. Għaliex kienu rrabjati l-oġġetti tal-kabord? **(par.5)**

   ______________________________

4. Semmi mod kif l-umbrella kienet taqdi dmirha lejn Sara. **(par.6)**

   ______________________________

5. L-umbrella s-safra għaddielha ħsieb ikrah li bikkieha fl-aħħar. X'kien dan il-ħsieb? **(par.7)**

   ______________________________

6. Ikteb il-kelma **xahar (par.4) fl-għadd imtenni**.

   ______________________________

7. Minn **paragrafu 7**, sib u ikteb aġġettiv li qiegħed **fil-komparattiv**.

   ______________

8. Ikteb fil-vojt **il-femminil tal-verb** ta' din is-sentenza.

   Iż-żarbun **ipprotesta** u sħabu qablu miegħu.

   Iż-żarbuna ______________ u sħabha qablu magħha.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek fuq is-silta kollha.** (

StudentBounty.com

1. Immarka (✓) it-tifsira t-tajba tal-idjoma '**bla kliem u bla sliem**':

| | |
|---|---|
| | bla ma qal xejn aktar |
| | bla ma kien jaf fejn sejjer |
| | bla ma ried |

2. L-istorja tal-umbrella s-safra tiġri f'żewġ postijiet differenti.

   Semmi wieħed minnhom. ___________________________

3. X'taħseb li ġara l-għada filgħodu?

   ___________________________

   ___________________________

TMIEM IL-KARTA

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers